**Kunsill Lokali –ISLA– Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA**

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

14 **ta' Diċembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 14 ta' Diċembru 2021 fis-7:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joline Attard - | Kunsilliera |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsilliera |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 39 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **39.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Nil |
| **39.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 39.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 38 tqassmu lill-kunsilliera permezz ta' imejl. Il-minuti numru 38 ġiet approvata mill- kunsilliera s-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-Kunsilliera is-Sinj. Joeline Attard.. |
| **39.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 39.03.01 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar abbuż li qed issir fi Triq San Franġsik k/m Triq il-Vitorja fejn din it-Triq hija one way u qed ikun hemm karrozzi ipparkjati, saħansitra kien hemm resident li taqqab l-art biex jagħmel rampa tal-injam. Il-kunsill talab lit-TM sabiex jiġu installati bollards u saru wkoll ordni biex issiru tabelli tal-One Way. |
| 39.03.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill irċieva imejl minn għand is-Sinj Charlene Cassar sabiex isiru upgrades ta' charging pillar li hemm eżistenti fix-xatt location 35.887521,14.518423. Il-kunsill kellu jinforma lil MESD sabiex tiżdied oħra fil-lokalita tal-Isla in-naħa ta' San Filippu. |
| 39.03.03 | Is- Sindku ikkomunika mal-kunsilliera dwar invit għall-kunċert tal-150 sena mill-każin tal-Banda La Vincitrice ġewwa l-Bażilika ta Marija Bambina fis-7.30pm fit-18 ta' Diċembru 2021. |
| 39.03.04 | Is-Sindku ressaq rapport mibgħut mil-Lands Authority File: L 52/95 mill-Perit John Schembri dwar il-periklu tal-ħajt tal-faċċata tal-Ġnien tal-Gardjola fejn infurmawna li dan il-manutenzjoni huwa responsabilta' tal-kunsill, għalhekk il-kunsill ser jieħu ħsieb biex iġib tlett kwotazzjonijiet. |
| 39.03.05 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti li ġie infurmat mill-GHRC li l-proġett tal-parkeġġ tad-daħla tal-Isla huwa wieqaf mill-Heritage Department biex jkomplu l-istudji fuq il-ġwieben li hemm taħt dan il-parkeġġ. |
| 39.03.06 | Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-van tal-kunsill jintuża biss waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. Ir-resident irrid jagħmel appuntament biex |

| | |
|---|---|
| | ix-xufier ikun jista jqassam il-ħinijiet, kif ukoll il-van jintuża biss għall-appuntamneti tas-saħħa fil-kliniċi tal-viċinanza u s-sigurta soċjali biss. |
| 39.03.07 | Is-Sindku informa l-kunsilliera li l-bankina ta’ Triq iż-Żewġ Mini mill-kantuniera ta’ Triq il-Mina tax-xatt għall kantuniera ta’ Triq San Ġiljan hija lesta. |
| 39.03.08 | Is-Sindku ressaq imejl mill-PA dwar applikazzjoni PA/03055/21 fejn ser issir xi xogħol minuri fuq il-faċċata tal-post numru 49 Triq iż-Żewġ Mini k/m 54 Triq San Pietru u San Pawl. |
| 39.03.09 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-kunsill qed iġġib kwotazzjoni sabiex is-seats tal-van jinksew bil-plastic sabiex ikunu jistgħu jiddiżifentaw aktar faċilment. Il-Kunsill ġabar żewġ kwotazzjonijiet li dawn huma madwar 1000 ewro. |
| 39.03.10 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li peress li ġie deċiz li l-kuntratt tal-ELC ma jiġiex estiż hemm bżonn li l-kunsill jitlob tlett kwotazzjonijiet għall żabra tas-siġar għall sitt xhur. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan. |
| **39.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 39.4.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Anthony Bonavia nixtieq inressaq din il-mistoqsija għall<br><br>attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Jistgħu jittnadfu il-culverts tax-xatt ?<br><br>Is-Sindku wieġeb li l-kunsill ser jibgħat għall kwotazzjonijiet biex issirdan ix-xogħol ta’ tindif tal-culverts.<br><br>Tista il-bozza tal-letrina tal-ponta tiġi bis-sensor ?<br><br>Is-Sindku irrisponda li din il-bozza inbidlet għal led sabiex tibqa mixgħula l-ħinkollu peress li hemm ħafna dlam. |

| | |
|---|---|
| **39.5** | **Rapporti** |
| **39.5.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imjel rapporti tal-*Purchase Order u Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2021 fejn ġew approvati mill-viċi sindku Anthony Bonavia u s-sekondati mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **39.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 39.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 12/2021 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mis- sinj. Corinne Buhagiar u s-Sinj Joline Attard. |
| **39.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 39.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:30p.m.wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2021 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 18 ta' Jannar 2021

Clive Pulis
Sindku

Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv